



# Minn Tigne bdiet il-ġrajja

*Jikteb Mario Formosa Holt*

## 8 – 5 – 2018

Le ħbieb tiegħi, dawn mhumiex erba' numri li qed nissuġerilkom tilgħabu lottu – għalkemm jekk tirbħu bihom inkun irid il-commission. Dawn huma n-numri tad-data storika li l-komunità parrokkjali ta' Stella Maris għexet din is-sena. Appuntu t-Tmienja ta' Mejju 2018 meta l-Parroċċa tagħna ġiet mogħtija t-titlu ta' ARĊIPRETALI. Dan kollu seħħ wara proċess storiku twil mijiet ta' snin.

Kif għedna diġà x-xrara li xegħlet din il-ħuġġieġa li titfa' dawl qawwi saħansitra fuq l-istorja ta' Tas-Sliema taf il-bidu tagħha mijiet ta' snin ilu. Kienet propju niċċa ċkejkna tal-Madonna li nħadmet b'wegħda minn Kaptan ta' L-Ordni ta' San Ġwann wara li hu flimkien ma' l-ekwipaġġ tiegħu ħelsuha ħafif minn maltempata kiefra. Din in-niċċa kienet tinsab fuq dik il-biċċa art magħrufa bħala "Tal-Qortin" jew aħjar dik il-parti ta' Tas-Sliema tal-lum li tiġi eżatt faċċata tal-Belt Valletta. Kien propju permezz ta' din in-niċċa, imsejħa, tal-Madonna tal-Vjaġġ it-Tajjeb li Tas-Sliema ħadet isimha – Il-Madonna li twassal il-baħħar bis-sliema, il-Madonna li twassal lil bniedem fil-port tas-salvazzjoni ta' dejjem fi ħdan Binha Ġesù. Nistgħu ngħidu li permezz ta' din in-niċċa, mhux biss ixxettlet l-imħabba ta' beltna lejn il-Madonna iżda wkoll li Tas-Sliema u l-Verġni Mbierka twaħħdu flimkien għal dejjem.

Dan kien il-bidu umli, iżda b'saħħtu ta' kollox. Biż-żmien din id-daqxejn ta' niċċa ġġarrfet, iżda



*Il-muftieħ tal-kappella ta' Tigne*

d-devozzjoni lejn Sidna Marija ma waqfitx iżda kibret. Fil-fatt flok in-niċċa ttellgħet kappella żgħira u dan nafuh irreġistrat permezz tal-viżta pastorali ta' Mons. Cagliares fl-1615. Biż-żmien





sfortunatment din il-kappella sfat abbandunata sakemm ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer nhar it-23 ta' Marzu 1659. Għadda ftit aktar minn nofs seklu u l-kappella reġgħet inbniet mill-ġdid peress li l-ewwel waħda spiċċat biex iġġarrfet. Waqt viżta pastorali li Mons Bartolomeo Rull wettaq fl-1758 hu jagħmel riferenza għal din il-Kappella taħt it-titlu ta' Ecclesia BMV Portus Salutis a Sliema. Dan huwa fatt interessanti għal żewġ raġunijiet.

Hi l-ewwel darba li jsir aċċenn għall-isem Sliema u jekk wieħed jinnota tajjeb it-titlu hu l-istess wieħed li kien ingħata lil dik in-niċċa ckejkna tal-Madonna u li sfat meqruda waqt l-Assedju l-Kbir. Interessanti nkunu nafu li skont l-atti notarili tan-Nutar Giovanni Grech bid-data tal l-20 t'Ottubru 1741, Michele Pianta ġojjelier mill-Belt Valletta li kellu devozzjoni lejn din il-Veneranda Knisja, "mibnija riċentement" taħt it-titlu ta' Natività della B.V.M. jew del Buon Viaggio. Huwa ħalla fondazzjoni sabiex kull nhar ta' Ħadd titqaddes quddiesa, fl-imsemmija Knisja għat-tifħir u l-glorja t'Alla, tal-Beata Vergine, ta' San Pawl Appostlu u l-qaddisin l-oħra li jqimu u jfaħħru lil Alla. Peress li din l-imsemmija knisja kienet saret tifforma parti mill-fortifikazzjonijiet ta' Tigne sfat ukoll il-mira ta' l-għadu u spiċċat inqerdet waqt li l-imblokk tal-Franċiżi.

Iżda l-ewlenin Slimiżi devoti ta' Marija Santissima assolutament ma riedux joqgħodu mingħajr post ta' kult għalihom. Bdew jaħsbu biex jibnu knisja oħra, aktar `l ġewwa mix-xtajta u fuq ix-xaqliba l-oħra. Din id-darba l-Providenza Divina nqdiet bix-xebba Giovanna Salvaloco, skond hi devota tal-Verġni Mbierka ta' Tas-Sliema. F'ittra li ġġib d-data tal-25 t'April 1801 qed titlob lil E.T. IL-Gvernatur sabiex tkun tista' tagħti biċċa art sabiex fuqha tinbena knisja ġdida wara permess mogħti mill-Isqof Labini. Din il-Knisja nefTħet għal kult fl-1803. Għal darb b'oħra interessanti nkunu nafu, li filwaqt li magħna llum hi magħrufa bħala tal-Madonna tal-Grazzja, it-titlu jibqa dak oriġinali tal-Knisja ta' Tigne, jiġifiri tal-Beata Vergine tal-Vjaġġ it-Tajjeb. Dan jikkonfermah l-Isqof Mattei fil-Viżta Pastorali tiegħu ta' l-1813.

Veru li Tas-Sliema ta' żewġ sekli ilu ma kienetx dik kaotika tal-lum. Imma kienu bdew jidhru l-ewwel sinjali ta' tkabbir fil-popolazzjoni. Bil-mod il-mod ma baqgħetx il-post ta' ftit sajjieda u erba' villeġġjanti sinjuri l-aktar mill-Belt Valletta iżda bdiet issir l-abitazzjoni fissa ta' xi wħud. Kien dan il-fattur li wassal għal ħtieġa ta' Knisja akbar sabiex taqdi l-ħtieġijiet spiritwali tar-residenti. L-idea oriġinali kienet li titkabbar dik li sal-lum għadha magħrufa bħala l-Knisja ż-żgħira. Numru ta' ntoppi mhux mistennija wasslu biex din l-idea titwarrab u għajnejn l-ewlenin abitanti ntefgħu fuq bi ċċa art, faċċata eżatt ta' din il-Kappella. Din il-biċċa art kienet tappertjeni lil Katidral ta' Malta. Kien għalhekk li sar rikors lir-Rev. Kapitlu ta' l-imsemmi Katidral bid-data tal-21 ta' Marzu 1851 sabiex jikkonċedi l-art sabiex fuqha tinbena din il-Knisja l-Ġdida. Il-firmatarji ta' din is-supplika kienu r-Rev. Dun Ġużepp Guglielmi u s-sinjuri Pasquale Sceberras, Gian Battista Schembri, Francesco Busietta u G. Montano li anke ppreżentaw pjanta ta' l-art meħtieġa bil-firma tal-perit Giuseppe Bonavia. Wara li fl-4 ta' Mejju 1851 l-E.T. l-Isqof Sant ta' l-kunsens tiegħu, il-Kapitlu tal-Katidral ta' wkoll l-approvazzjoni tiegħu waqt seduta li nżammet nhar l-14 ta' Lulju 1851. Dan seħħ taħt ċerti kundizzjonijiet, fosthom li l-knisja l-ġdida tiġi ddedikata għal Konverzjoni ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

Issa bil-permessi kollha f'idejhom l-antenati tagħna middew għonqhom għax-xogħol. Twaqqaf Kumitat iffurmat mis-Sinjuri Gian Battista Schembri, Salvatore Giammalra, In-Nutar E. Catania u l-Perit Bonavia. Dan il-Kumitat kien





mhux biss tgħabba bir-responsabilita biex jiġbor il-fondi meħtieġa iżda fuq kollox li jara li dan il-Proġett jitwettaq kif mixtieq.



*Il-Kwadru Titulari l-antik, li kien hemm meta fetħet il-knisja*

Tqegħdet l-ewwel gebla nhar it-28 t'April 1853 u x-xogħol baqa' għaddej sa l-1 t'Ottubru ta' l-istess sena. Wara waqfa ta' għaxar xhur issokta f'Awwissu tas-sena ta' wara u kien komplut fit-22 ta' Novembru 1854 bit-tqegħid ta' l-aħħar gebla ta' l-abside. Waqt li bini fuq l-imsemmija knisja kien għaddej, polemika sħuna qanqlet lill-abitanti slimiżi mgħejjuna wkoll minn xi saċerdoti. Dawn ilkoll, mhux b'disprezz lejn San Pawl Missierna xtaqu li kif kien mill-qedem, b'devozzjoni antikissima lejn Ommna Marija tas-Sema li t-titlu ta' din il-Knisja jkun wieħed Marjan. U hekk seħħ ir-rieda ta' l-azzar ta' l-ewlenin slimiżi rebħet u l-knisja ġiet iddedikata lil Marija Stella Maris.

It-tberik u l-ftuħ uffiċjali tal-Knisja ta' Stella Maris seħħ nhar is-Sibt 11 t'Awwissu 1855 fis-7.00 ta' filgħodu. Sadanittant il-Kapitlu Elenjan ta' Birkirkara, li Tas-Sliema kienet fil-limiti tal-Parroċċa tiegħu iddispona li l-Festa Titulari tiġi ċċelebrata Ħadd wara t-18 ta' Awwissu, appuntu Festa Liturġijka ta' Sant' Elena. Bl-ewwel Festa Titulari f'Tas-Sliema tiġi ċċelebrata nhar it-19 t'Awwissu ta' l-Istess sena. Dan kien 163 SENA ILU.

Ta' min wieħed iżid igħid li l-Knisja oriġinarjament ma kienetx kif nafuha llum. Kienet tasal bejn wieħed u ieħor sa fejn hemm il-pulptu. Kienet biżżejjed għal popolazzjoni ta' dak iż-żmien imma ma damitx ma nħasset il-ħtieġa li bi Knisja tagħhom, xtaqu li ċerti sagramenti jiġu ċċelebrati fiha. Iżda ma kienetx ħaġa faċli. Wara ħafna taqtiegħ il-qalb u wara li ntbagħtet petiżżjoni mill-villeggjanti u residenti tal-lokali, l-Isqof ta' li l-Knisja ta' Stella Maris tista toħroġ il-Vjatku u tamministra l-Griżma tal-Morda. Dan kien f'Ottubru 1866. Issa bil-mod il-mod l-affarijiet bdew jiċċaqilqu bil-Knisja Stella Maris takkwista l-istatus ta' Viċi Parroċċa bis-setgħa li r-Rettur tagħha seta' jagħmel it-tberik ta' l-Għid..... u jgħammed ukoll iżda li dawn il-magħmudijiet jiġu rreġistrati fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Dan kollu seħħ sa l-1871.





*Il-Papa Piju IX li ħattar il-Knisja ta' Stella Maris bħala Parroċċa*

Pari Passu ma' dan kollu, kien qiegħed iseħħ zvilupp important ieħor. It-tkabbir tal-Knisja. F'Diċembru 1873 il-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu taw b'xejn biċċa art u l-Kav. Konslu Lorenzo Farrugia, benefattur kbir tal-knisja tagħna, ħareġ minn butu elf skud biex setgħet tinxtara biċċa art oħra. Saru wkoll kontribuzzjonijet oħra mill-Kapitlu tal-Katidral u benefatturi oħra.

Sadanittant beda t-tkabbir tal-Knisja li kien jikkonsisti f'żewġ kappelluni spażjużi, kor u koppla maestuża. Ix-Xogħol intemm f'Diċembru 1877 u fi Frar tas-sena ta' wara l-Knisja mkabbra ġiet imbierka.

Dik is-sena, jiġifiri l-1878, kellha tkun it-turning point fl-istorja ekklesjastika ta' Tas-Sliema. Permezz ta' Editt maħruġ nhar it-23 ta' Diċembru mill-E.T. Isqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna, waqt il-Pontifikal tal-Q.T. il-Papa Piju IX iddikjara lil Stella Maris bħala Parroċċa bl-ewwel Vigarju-Kurat tagħha, sakemm jinħatar l-ewwel kappillan, ikun Dun Karm Casha Gerada.

Kif naraw f'parti oħra ta' dan il-Programm, Dun Vinċenz Manche ħa l-pussess bħala l-ewwel Kappillan nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 1884.

Issa li s-Slimiżi qatgħu xewqithom li jkunu awtonomi b'parroċċa u kappillan għalihom setgħu jintefgħu b'ruħhom u ġisimhom sabiex isebbħu u d-Dar t'Alla bl-ifjen oġġetti ta' arti sagra. Naturalment ewlenija fosthom kienet il-Vara Devota u Artistika ta' Marija Ommna Kewkba tal-Baħar li waslet fostna minn Pariġi fl-1891. Fażi oħra interessanti ta' kostruzzjoni seħħet fil-bidu tas-seklu l-ieħor meta nbniet faċċata ġdida b'żewġ kampnari ġodda bix-xogħol jintemm fl-1909.

Ta min hawn ifakkar ukoll li mill-MATRIĊI Stella Maris, Matriċi ta' Tas-Sliema għal dawn l-aħħar Mitt Sena ħarġu dawn il-Parroċċi. Madonna tas-Sacro Cuor (1918), San Girgor (1940) u Ġesu Nazzarenu (1974) f'Tas-Sliema u dik tal-Madonna tal-Karmnu tal-Gzira (1921).

Gerbu s-snin. Kienu bosta dawk il-Kappillani u saċerdoti li qdew il-missjoni tagħhom fi ħdan il-Parroċċa Matriċi ta' Stella Maris, b'zelu liema bħalu. Uħud minnhom kienu mhux biss ta' ġieħ għalihom, għal Tas-Sliema iżda wkoll għall-Knisja Maltija.

Naturalment il-ħajja mas-sabiħ taf tagħti l-ikraħ ukoll. Dan għal Knisja ta' Stella Maris seħħ



*Il-knisja ta' Stella Maris xi 40 sena wara l-ftuħ tagħha armata għall-Festa Titulari*





nhar l-1 ta' Marzu 1942 meta parti sew minna, inkluza l-koppla, iggarfet. B'rieda soda ta' l-azzar Dun (aktar tard Monsinjur) Ġużepp Inguanez mgħejjun minn numru ta' parruċċani ħawtiela medd għonqu għax-xogħol sabiex il-knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris ma ddumx ma terġa tiftaħ għall-kult.

Dan seħħ f'qasir żmien u t-tisbiħ tal-Knisja kompla wkoll, fost l-oħrajn permezz ta' twieqi stained glass kemm fil-koppla kemm fil-knisja. Tmiem is-snin sittin u bdejna nesperjenzaw frott il-Konċilju Vatikan II.

Il-liturġija bdiet tinftiehom bil-lingwa tal-poplu. Dan kollu wassal sa l-1978 meta l-Parroċċa ta' Stella Maris kienet qegħda tħejji biex tfakkar għeluq l-EWWEL MITT SENA TAGĦHA. Hawnhekk naraw ix-xrara titkebbes li turi x-xewqa tal-parruċċani sabiex il-Parroċċa tagħhom tieħu l-istatus ta' Arċipretali. Bosta kitbu fil-gazzetti lokali favur dan is-suġġett. Saħansitra ġiet ippreżentata petizzjoni lill-Arċisqof iffirmata minn membri ta' għaqdiet reliġjużi u soċjali. Kollox waqa' fuq widnejn torox.

Dan ix-xewqa għal ħafna dehret intesiet għalkemm baqgħet moħbija f'qalbhom. Sakemm..... kien is-Sur George Cilia fil-Programm tal-Festa 2016 maħruġ mill-Knisja kiteb dawn il-preċiżi kelmiet. "Ikun xieraq li kieku l-Kleru flimkien mal-għaqdiet tal-parroċċa jissottomettu lill-Awtorità Ekklesjastika biex il-parroċċa Matriċi ewlenija tal-belt Marjana Slimiża tiġi mgħollija għad-dinjità Arċipretali.

L-Istorja ta' Tas-Sliema bl-erba' parroċċi hija minsuġa ma' din il-parroċċa tal-Madonna Kewkba tal-Baħar".

Issa l-entuzjazmu tal-parruċċani donnu reġa' xegħel. B'xorti tajba din id-darba kien ġustifikat fis-sens li xewqithom ma damitx ma kienet ser issir realtà. Din hi l-istorja riċenti fin-nisġa ta' grajjiet storiċi li sawru l-ħajja tal-Parroċċa Matriċi ta' Stella Maris. It-8 ta' Mejju 2018 tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja ultra ċentinarja tal-Parroċċa tagħna li b'diġriet ta' dik id-data u li jġib il-firma ta' L-E.T. L-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna ġiet mgħollija għad-dinjità ta' ARĊIPRETALI u naturalment issa r-Ragħaj Spiritwali tagħha Mons. Anton Portelli jibda jissejjaħ ARĊIPRIET.

Bla dubju ta' xejn riġal mistħoqq lil Parroċċa Matriċi ta' Tas-Sliema għal dawn l-aħħar MITT SENA. Il-Parroċċa tagħna hi l-20 waħda f'Malta mogħtija dan it-titlu, b'erba' minnhom mogħnija bit-titlu ta' Kolleġjata u tnejn oħra b'dik ta' Bażilika u Kolleġjata.

Din l-aħbar daqstant sabiħa ngħatat nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju 2018 għall-ewwel darba minn Mons Portelli waqt il-quddies tal-5.30p.m. u sussegwentement fil-quddies kollu ta' tmiem dik il-ġimgħa. Filwaqt li nħossuna kburin li qed ngħixu dan il-mument storiku ma nistgħux ma nroddux ħajr lil Alla l-Imbierek u lil Sidna Marija Stella Maris u nitolbuha tibqa' tkun ta' ħarsien għalina tul ħajjitna kollha.

**Riferenzi:**


Programm tal-Festa 2015 – kitba ta' Constantine Busuttil
Programm tal-Festa 2016 – kitba ta' George Cilia
Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – M. Busietta